# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 2**

**Avviz numru 1258/00/SM**

**Valmor Borg Import Export Limited.**

**vs**

**John Pace u Robert Borg bhala d-debituri principali u Gejtu Borg bhala garanti flimkien u insolidum mad-debituri principali.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u sittin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM266.21.0) rapprezentanti l-prezz ta' diversi konsenji ta' prodotti tal-ikel ghall-konsum lilhom debituri principali mibjugha u konsenjati u minn Gejtu Borg il-hlas garantit solidalment mad-debituri principali, kif ukoll**

**jhallsu l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta' Settembru, 1998, tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju u tal-ittra ufficjali ghall-sejha ta' depositu illi gew intavolati kontestwalment mal-prezenti,u bil-konvenuti kollha ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fit-12 ta' Marzu tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**